MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 1057/2000/1

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresetnanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Catherine Mary Camilleri u l-Istess Catherine Mary Camilleri u b'nota ta' tas-6 ta' Mejju 2004, l-atti gew assunti mis-socjeta' Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Catherine Mary Camilleri minflok is-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited in rappresetnanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Francesca Saverina Gambin**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' hames mija disgha u hamsin lira hamsa u ghoxrin centezmu (Lm559.25c) in kwantu ghal erba' mija erbgha u disghin lira (Lm494) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u inkwantu ghal hamsa u sittin lira hamsa u ghoxirn centezmu (LM65.25c) lill-attrici Catherine Mary Camilleri, in linea ta' danni – minnhom sborsati – segwitu ghal incident awtomobistiku li gara Rabat fl-10 ta' Marzu 1999, meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq l-vettura nru AAF 205 habtet mal-vettura Nru . BBF 043 propjeta' tal-attrici Catherine Mary Camilleri u misjuqa minnha – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incient il-konvenuta kienet unikament responsbli minhabba imprudenza,imperijza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejejs, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 1999 u dawk tal-ittra ufficjali presenata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoi tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-29 ta'Mejju 1999, kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-istess konvenuta (fol 5 tal-istess atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u thija tal-attrici Cahterine Mary Camilleri is-sewwieq tal-vettura Nru. BBF 043, u dana billi hija kienet qed isuq b'mod negligenti u kontra r-regolamenti tat-Traffiku b'risultat li hija habtet mal-vettura tal-eccipjenti u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma’ garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma’ huwa dovut lill-atturi bhala danni, u ghalhekk it-talbiet taghhom jigu respinti bl-ispejjes.
3. Salve eccezzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza b’mod specjali dak verbalizzat a fol 43 ibid.

Ikkunsidrat

Illi PS 690 Carmelo Pace (fol 16 et seq ibid), li investiga dan il-kaz, spjega li dan l-incident awtomobilistiku , kien gara’ f’Triq il-Labour kantuniera ma’ Triq Dingli li tmur mill-istabilment ‘Nigret Night Club’ u tasal sat-triq li tmur lejn Had-Dingli. In rigward l-istess lokalita hu esebixxa skizz skalat maghmul minnu stess u minnu wiehed jista’ jara’ kif spiccaw iz-zewg vetturi involuti cjoe dik misjuqa mill-attrici bin-numru BBF 043 u dik uzata mill-konvenuta bin-numru AAF 205. Jigi notat li, kif jidher in-naha ta’ fuq tal-istess skizz, fuq ix-xellug, kemm kurva bejn iz-zewg toroq imsemmija. Inoltre u kif xehed l-istess pulizija meta gara dan l-incident, ma kien hemm ebda sinjali tat-traffiku, per esempju sinjal ta’ ‘stop; u minhabba dan in-nuqqas fl-istess post, kienu qed jsiru hafna incidenti tat-traffiku u ghalhekk, eventwalment kienet saret sinjal ta’ ‘stop’ “…. Minn qed jghaddi minn ‘Dingli Road’, irid jieqaf minhabba li saret ‘stop sign’ fuq Dingli Road”. Mal-istess skizz, ix-xhud esebixxa ukoll kopja tar-rapport, redatt minnu u a fol 21 u fol 19 hemm verbalizzati l-versjonijet tal-fatti moghtija mill-istess sewwieqa (fol 19 et seq ibid).

Illi l-attrici, Catherine Mary Camilleri (fol 33 u fol 34 ibid)) xehdet li kienet qed issuq lejn Had Dingli, liema triq, skond hi, hi kontinwazzjoni ta’ Labour Avenue. Waqt li kienet ghada f’dan il-vjal, hi waslet fil-kurva li ssemmiet mix-xhud precedenti u hawnhekk rat vettura ohra gejja mid-direzzjoni opposta fuq Dingli Road. Din il-vettura ma daritx mal-kurva izda “…. went across Labour Avenue from Dingli Road” cjoe “the other vehicle was going to enter into a small subsidiary road ….” Li taghti ghal pjazza

zghira. (ara ukoll ix-xhieda ta' Emanuel Mifsud a fol 41 u fol 42 ibid).

Illi, da parti taghha, l-konvenuta (fol 44 et seq ibid) xehdet li kienet qed issuq minn Had Dingli u kienet ghaddejja minn Dingli Road u "… kont ser naqsam ghal faccata …." lejn ic-centru tar-Rabat.  Minhabba hekk, hi kellha taqsam Labour Avenue .  Kif waslet fit-tarf "…. Biex nohrog ghal 'main road' …" fuq ix-xellug taghha kien hemm cint gholi madwar erba' (4) filati u 'trailer' kbir "… kwazi fil-kantuniera ma Labour Avenue" u ghalhekk kellha l-veduta tat-triq principali, ristretta.  Minhabba hekk hi naqset il-velocita u rat karozza gejja, minn din id-direzzjoni sabiex tinsaq, ghal go t-triq fejn kienet hi u saret il-habta, avolja ghamlet tentattiv sabiex tevita dan. Dwar l-iskizz, in atti jidher li hi qablet mieghu hlief li fuqu ma hux muri l-imsemmi 'trailer'.

Ikkunsidrat

Illi hu minnu illi meta gara dan l-incident, fil-lokalita' msemmija ma kienx hemm sinjali tat-traffiku.  Difatti kien wara li graw diversi incidenti tat-traffiku illi tpoggew dawn is-sinjali fosthom wiehed ta' 'stop' fejn kienet hierga l-istess konvenuta.

Illi, dan premess, avolja kien hemm dan in-nuqqas li ghadu kemm issemma, l-istess konvenuta, fix-xhieda taghha qalet "Kif wasalt fit-taf biex nohrog ghal 'main road' …" u dan juri li kienet ben konsapevoli illi hi kienet fi triq sekondarja u minhabba hekk, hi naqset il-velocita minghajr ma waqfet ghal kollox.  Tenut kont ta' dan kif ukoll tal-fatt, illi, fuq ix-xellug taghha minn fejn kienet gejja l-attrici, l-vista taghha kienet ostakolata principalment minn 'trailer' parkeggat mal-bankina, il-Qorti kienet tistenna illi l-istess konvenuta kellha tiehu u tuza aktar kawtela waqt li kienet hierga sabiex tesplora jekk kienx hemm  gej mix-xellug taghha  l-fatt li naqset biss, il-velocita ma kienx sufficjenti ghal dan il-ghan u ghalhekk hi ghandha tigi dikjarata unikament resposnabbli ghal dan l-incident, tenut kont li l-attrici bl-ebad mod, ma tista' tigi konsiderata bhala li kkontribwiet ghall-istess incident.

Ikkunsidrat

Illi l-'quantum' ta' danni mitlub u kif risultanti a fol 22 u fol 34 tal-atti ma giex kontestat u ghalhekk ser jigi likwidat fl-ammont ta' Lm559.25 ossija €1302.70.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz in esami u :

a) Tiddikjara lill-kovenut bhala unikament responsabbli ghall-kollisjoni in esami minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.
b) Tillikwida l-ammont ta' danni komplissivament fis-somma ta' Lm559.25 ossija €1302.70 u;
c) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici nomine is-somma ta' Lm494 ossija €1150.71 u lill-attrici is-somma ta' Lm65.25 ossija €151.99 bl-imghax legali mid-29 ta' Mejju 1999 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-29 ta' Mejju 1999 u tal-25 ta' Awissu 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------